15 ta' Jannar, 1952

Imħallef :

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

P.L. Edoardo Frendo ne. *versus* Antonio Chetcuti et. (*

**Obligazzjoni — Vizi tal-Kunsens — Żball — Dolo — Nullità — Rinunzja — Art. 1270, 1271, 1272 u 1273 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Meta tiġi mitluba l-eżekuzzjoni ta' obligazzjoni kontemplata fi skrittura li l-obligat ma jkunx irid jeżegwixxi billi jallega n-nullità ta' dik l-obligazzjoni minħabba vizzju tal-kunsens bażat fuq żball dwar is-sustanza tal-ħaġa, jew fuq frodi adoperata għad-dannu tiegħu, dina l-allegazzjoni tista' tinġieb 'il quddiem fl-istess kawża b'eċċezzjoni, u mhux bilfors b'azzjoni separata. Għax il-kunsens huwa element meħtieġ għall-eżistenza ta' l-att, u għalhekk, meta l-kun-*

*sens kiwa vizzjat, ikun il-każ ta' nullità assoluta ta' l-att, u mhux ta' sempliċi annullabilità.*

*Il-liġi tannulla l-kuntratt minħabba dolo anki għaliex dan jipproduċi l-vizzju ta' l-iżball; imma hemm bżonn illi l-iżball ikun invinċibili, u li jkun ukoll skużabili. L-imprudenza u l-leġġerezza tal-kontraenti mhix raguni ta' annullament ta' kuntratt.*

*Jekk l-obligat, meta già jippretendi li l-obligazzjoni tiegħu hija nulla, ikompli jeżegwiha, huwa jkun irrinunzja taċitament għal kull preteża tiegħu ta' nullità tal-konvenzjoni.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur nomine ppremetta li bis-saħħa ta' skrittura privata magħmula u firmata fid-19 ta' Settembru 1947, il-konvenut Antonio Chetcuti daħal garanti solidali tal-konvenut l-ieħor Vincent Navarro Cutajar u aċċetta l-kondizzjonijiet kollha fiha miktubin, u obliga ruħu li jħallas lill-imsemmi Alfonso Cozzo s-somma ta' £523 prezz ta' merkanzija mibjugħa u konsenjata lill-imsemmi Vincent Navarro Cutajar, oltre l-imgħax kummerċjali fuq l-istess somma mis-7 ta' Ġunju 1947 sal-pagament u l-ispejjeż kollha, u obliga ruħu wkoll li jħallas dina s-somma in kwantu għal £100 immedjatament, u in kwantu għall-kumplament b'rati mensili ta' £40, bil-kondizzjoni tad-dekadenza mill-benefiċċju tat-terminu f'każ ta' nuqqas tal-pagament ta' żewġ rati jew ta' ammont korrispondenti għal żewġ rati, f'liema każ, wara għaxart ijiem, il-kreditur kellu d-dritt li jitlob il-bilanċ li jkun għadu dovut (dok. B); illi l-konvenut Antonio Chetcuti, skond kif jidher mill-prospett eżibit (dok. C), għadu debitur tas-somma ta' £183 oltre l-imgħax u l-ispejjeż; illi l-konvenut Antonio Chetcuti ġie nterpellat mill-attur permezz ta' ittri bonarji u anki atti ġudizzjarji, kif jidher mid-dokumenti eżibiti (dok. D. E. F. G. H), biex iħallas il-kumplament, iżda inutilment; illi b'sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti mogħtija fit-3 ta' Ottubru 1950 fil-kawża fl-ismijiet "Cozzo vs. Navarro Cutajar" ġie dikjarat illi l-kreditu ta' l-attur nomine, stante l-pagamenti li saru, huwa ta' £183 oltre l-imgħaxijiet a skaletta mis-7 ta' Ġunju 1947, u għalhekk il-konvenut Vincent Navarro Cutajar ġie kundannat iħallas l-imsemmija somma ta' £183 oltre l-imgħax indikati u l-ispejjeż (dok. I); illi l-kreditu ta' l-attur nomine jammonta

(*) Konfermata fl-Appell Kummerċjali, 20. 6. 1952.

għas-somma ta' £274. 17. 8, ċjoè kwantu għal £183 sorte, kwantu għal £48. 8. 11 imgħax sal-31 ta' Ottubru 1950, u kwantu għal £43. 8. 9 spejjeż skond taxxa (dok. L u J); u li l-konvenut Antonio Chetcuti ġie nterpellat għall-pagament ta' l-imsemmi ammont b'ittra uffiċjali tas-16 ta' Ottubru 1950 (dok. K), iżda inutilment; u talab li, wara li jintagħmlu d-dikjarazzjonijiet kollha meħtieġa u jingħataw il-provvedimenti kollha neċessarji u opportuni, il-konvenut Antonio Chetcuti jiġi minn din l-Onorabbli Qorti kundannat iħallsu bħala garanti solidali ta' l-imsemmi Vincent Navarro Cutajar, is-somma fuq imsemmija ta' £274. 17. 8, minnu dovuti lilu għar-raġunijiet fuq imsemmija; bl-imgħax kummerċjali sal-pagament u bl-ispejjeż kollha, komprizi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-13 ta' Lulju 1948 u tal-protest ġudizzjarju tal-15 ta' Novembru 1948, kontra l-konvenut Antonio Chetcuti interpellat għas-subizzjoni;

Rat fil-fol. 28 in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li fiha dan qal li huwa kien iffirma l-iskrittura tad-19 ta' Settembru 1947 in vista tal-fatt li l-partijiet l-oħra tawh il-fakoltà li jista' jbiegħ l-oġġetti elevati u lilu konsenjati—liema oġġetti lu minn għalih, u l-partijiet l-oħra tawh x'jifhem, li kienu tad-debitur u dan ma kellux jagħti fuqhom. Dana ma rriżultax veru, u l-partijiet l-oħra kienu jafu bil-verità tal-fatti dak innhar stess, b'mod li l-esponent ma seta' qatt juża l-fakoltà lilu mogħtija. Għaldaqstant l-attur għandu jitqies bħala inadempjent di fronti għall-esponent, u kwindi ma jistax jitlob il-ħlas minn għand dan. L-esponent irriżerva wkoll li jieħu lura dak li ħallas lil Cozzo;

Trattata l-kawża, ikkunsidrat;

Il-kontestazzjoni tal-konvenut ġiet imqiegħda fuq bażi triplici :—

1. Illi l-attur kien inadempjent, u kwindi hemm lok għall-prinċipju "inadimplenti non est adimplendum";

2. Li kien hemm żball ta' fatt fuq is-sustanza tal-ħaġa (ara nota tal-konvenut fol. 136 tergo); l-iskrittura għalhekk hija nulla;

3. Illi kien hemm frodi għad-dannu tiegħu, li ġġib ukoll in-nullità ta' l-iskrittura (ara nota konvenut fol. 137);

Jista' jiġi d-dubju jekk it-tieni u t-tielet eċċezzjoni humiex ammissibili, jew jekk il-meritu tagħhom għandux jiġi dedott

b'azzjoni. Iżda, peress li meta l-kunsens ikun vizzjat m'hemmx kunsens, u dan hu element meħtieġ għall-eżistenza ta' l-att, għalhekk hu l-każ ta' nullità assoluta, u mhux ta' annullabilità, u jsir applikabili l-art. 1270 Kap. 23, skond il-ġurisprudenza (ara App. "Agius vs. Ciancio", 3 ta' Frar 1936; Kumm. "Mea vs. Howard", 14 ta' Novembru 1935;

Kwantu għall-ewwel eċċezzjoni, deher mill-provi illi l-konvenut daħal garanti solidali ta' Navarro Cutajar bla ebda kondizzjoni. Tant juru l-iskrittura fol. 8, u tant juru l-provi. Il-konvenzjoni tal-bejgħ ta' l-oġġetti elevati kienet konvenzjoni indipendenti mill-oħra tal-garanzija. Għalhekk, ladarba l-attur ma assuma ebda obligu li l-oġġetti kienu tad-debitur u li ma kellux dejn fuqhom, m'hemmx lok għall-applikazzjoni tal-prinċipju avokat mill-konvenut;

Kwantu għat-tieni eċċezzjoni, ta' żball ta' fatt fuq is-sustanza tal-ħaġa, il-konvenut fin-nota tiegħu fol. 136 jagħmel l-iżball jikkonsisti filli jgħid li hu ried ikun garanti biss fis-sens li jkun responsabbli sal-limiti tar-rikavat ta' l-oġġetti. Apparti jekk dan huwiex żball ta' sustanza jew le, għaliex il-konvenzjoni attakkata hi dik tal-garanzija, u ma jiftehemx faċilment kif seta' jkun hemm żball fuq il-"kwalità" tagħha (ara Laurent, Vol. XV, para. 488 et seq.), hu ċert li la l-iskrittura u lanqas il-provi ma jwettqu bl-ebda mod li l-konvenut stipula fis-sens li jkun responsabili biss sakemm ikollu f'idejh l-oġġetti u għall-każ li ma jikkonsenjax ir-rikavat tagħhom wara li jbiegħhom. Hu assuma l-garanzija bla ebda limitazzjoni;

Kwantu għat-tielet eċċezzjoni, tal-frodi (ara nota fol. 137), ma jirriżultax li kien hemm ebda artifizju pratikat għad-dannu tal-konvenut. L-iskrittura, redatta bil-malti, ġiet lilu moqrija u spjegata. Hu stess kien konsenjatarju ta' l-oġġetti elevati, u kien jaf b'kollox;

Għandu jiġi osservat, dwar it-tieni u t-tielet eċċezzjoni, illi l-liġi tannulla l-kuntratt minħabba dolo anki għaliex dan jipproduċi l-vizzju ta' l-iżball. Hemm bżonn, però, li l-iżball ikun invinċibili, hemm bżonn li jkun skużabili (kif ġie ritenut mill-ġurisprudenza) meta l-kontraent seta' faċilment jivverifika l-istat ta' l-affarijiet, kif seta l-konvenut f'dan il-każ. L-imprudenza u l-leġġerezza tal-kontraenti mhijiex raġuni ta' annullament tal-kuntratt (ara P.A. "Zammit vs. Zimmermann

Barbaro", 21. 10. 1933; P.A. "Dimech vs. Zimmermann Barbaro", 7. 12. 35; P.A. "Galea vs. Bonnici". 25. 10. 1884; u Laurent, loc. ċit., para. 496);

Ma għandux lanqas jintnesa illi l-provi wrew ukoll li l-konvenut, anki meta kien jaf b'dak kollu li l-lum qiegħed iġib 'il quddiem, baqa' jħallas akkont bħala garanti, u din iċ-ċirkustanza tammonta, b'liġi, għal rinunzja għal kull preteża tiegħu ta' nullità tal-konvenzjoni fol. 8 (ara art. 1271, 1272, 1273 — Kap. 23);

L-ammont bilanċjali mhux kontestat; in-nuqqas ta' ħlas ġieb id-dekadenza stipulata fit-tielet klawsola ta' l-iskrittura;

Għalhekk tiddeċidi;

Adeżivament għall-istanza, bl-ispejjeż; salv kull dritt tal-konvenut kontra d-debitur Navarro Cutajar.